**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 8790/2023/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Elton Mangion**

Illum it-tlieta (3) ta' April 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Elton Mangion**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 487688(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur minn Jannar 2022 sa April 2023, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Charlene Musu u/jew lil uliedu s-

somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li qieset li hu idoneu għaċ-ċirkostanzi tal-każ għamlet ordni li permezz tiegħu lliberat lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza b'dan li kellu jħallas l-ammont bilanċjali dovut minnu ċioè is-somma ta' ħamest elef u erba' mitt Euro (€5,400) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza *ai termini* ta' Artikoli 22 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta *nonche* Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti spjegat bi kliem ċar lill-imputat li jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' liberta' kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-19 ta' Frar 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi:* ***Tirrevoka u tħassar*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponenti Elton Mangion ħati tal-imputazzjoni fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tilliberah kompletament skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-11 ta' Marzu 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-3 ta' Frar 2025.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant allura imputat instab ħati mill-Ewwel Qorti talli naqas li jħallas il-manteniment dovut lill-*parte civile* Charlene Musu. F'dan il-każ l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza b'dan li kellu jħallas l-ammont bilanċjali dovut minnu ċioè is-somma ta' ħamest elef u erba' mitt Euro (€5,400) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar iż-żewġ aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha,

allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar iż-żewġ aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-liġi għar-reat addebitat lilu u li skont hu l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jieqfu ferm il-bogħod mill-piż tal-prova rikjest mil-liġi u ċioè dak fi grad ta' ċertezza morali mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Jargumenta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp kriminali.

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jibda billi jagħmel riferenza għal ġurisprudenza u mbagħad jgħid li meta l-*parte civile* marret tagħmel ir-rapport tal-Pulizija kontra tiegħu hija straħet fuq id-digriet *pendenti lite* tat-30 ta' Ottubru 2020 mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u dana għaliex skont hi ma kienx qiegħed iħallas il-manteniment kif kien ordnat li jħallas permezz tiegħu. Huwa jisħaq li dan id-digriet *pendenti lite* huwa l-aħjar prova u l-prova primarja. Jgħid li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta dan id-digriet bil-konsegwenza li l-aħjar prova u l-prova primarja hija monka mill-atti proċesswali. Jgħid li meta l-Ewwel Qorti sabet ħtija fih, hija straħet fuq sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2023 mill-Qorti tal-Appell u dana peress li din is-sentenza tagħmel riferenza għad-digriet. Jisħaq li fix-xhur li huwa allegatament wettaq ir-reat, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell la kienet għadha deċiża u wisq anqas *res judicata*. Jargumenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq sentenza li tagħmel riferenza għad-digriet *pendenti lite* sabiex issib ħtija u dana peress li din il-prova la hija l-aħjar prova u wisq anqas il-prova primarja. Jisħaq li d-digriet in kwistjoni jeżisti u kien disponibbli għal Prosekuzzjoni sabiex tressqu bħala prova u vera kopja tiegħu setgħet tiġi preżentata bħala prova mingħajr inkonvenjent b'dan illi skont hu

l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib ħtija fih billi straħet fuq prova sekondarja.

Illi jibda billi jingħad li din il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar iż-żewġ aggravji flimkien u dana peress li huma konnessi. Jingħad ukoll li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju raġonevoli. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali <u>ma teħtieġx</u> li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi mressqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat."

Illi filwaqt li huwa minnu li fl-affidavit ta' PC 2118 Clarissa Scerri (*a fol.* 2 *et seq.*) hija tgħid li l-*parte civile* marret l-Għassa tal-Pulizija fil-25 ta' April 2022 fejn hija (l-*parte civile*) stqarret li l-appellant ma tahix il-manteniment minn Jannar 2022 sa Diċembru 2022 kif ukoll minn Jannar 2023 sal-25 ta' April 2023 b'dan illi dan l-istess kliem jinsab fl-okkorrenza (*a fol.* 4 *et seq.*) tal-istess PC 2118 Scerri pero' fl-istess waqt għandu jiġu nnutat li fl-okkorrenza li jġib id-data tal-25 ta' April 2023 jingħad hekk: *"Illum 25/04/2022 għal ħabta ta' ..."*. Dan ifisser li r-riferenza għal 25 ta' April 2022 kienet sempliċi *lapsus calami* u dana wara li jitqies ukoll dak li xehdet il-*parte civile* quddiem l-Ewwel Qorti. In fatti l-Ewwel Qorti kienet korretta meta fis-sentenza appellata qalet hekk (*a fol.* 54 *et seq.*):

> "Min-naħa tiegħu l-imputat ma ressaq ebda prova u għażel li ma jixhidx. Fit-trattazzjoni tagħha d-difiża tikkontendi li hemm żbalji fl-Affidavit ta' PC 2118 Clarissa Scerri rigward id-dati – fosthom per eżempju li tgħid li l-*parte civile* marret tirraporta fis-sena 2022 li Elton Mangion ma ħallasx manteniment tas-sena 2023 u għalhekk manteniment futuristiku. Din il-Qorti tara li dak eċċepit mid-difiża fil-verita' jirriżulta u ċertament li l-Affidavit ta' PC 2118 Clarissa Scerri m'huwiex korrett f'dan is-sens pero' din il-Qorti tirrimarka li anke li kieku kellha tiskarta l-imsemmi Affidavit fl-intier tiegħu bħala prova, l-akkuża xorta waħda tirnexxi għaliex l-Affidavit fil-verita' m'huwiex l-aqwa prova kwantu għall-mertu tal-kawża. Hija l-*parte civile* li hi neċessarjament trid tiddikjara l-perjodu relattiv li fuqu hija msejsa l-akkuża u dan sar mill-istess *parte civile*. Għalhekk dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat minn din il-Qorti peress li l-*parte civile* ddikjarat personalment bil-ġurament tagħha l-perjodu u s-snin relattivi b'mod korrett."

Illi huwa minnu wkoll li d-digriet *pendente lite* li jsir riferenza għalih fir-Rikors tal-appell tal-appellant ma jiffurmax parti mill-atti proċesswali ta' dan il-każ. Minkejja dan, fl-atti proċesswali ta' dan il-każ ġiet eżebita vera kopja tas-sentenza (Dok. "CM 1" – *a fol.* 16 *et seq.*) mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2023 mill-Qorti tal-Appell, liema sentenza ngħatat wara li ġiet mogħtija sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Filwaqt li jirriżulta li m'huwiex ikkontestat li din is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2023 tirrigwarda l-*parte civile* u l-appellant f'dan l-appell li għandha quddiemha din il-Qorti, jirriżulta wkoll li fl-istess sentenza ssir riferenza għad-digriet in kwistjoni. Għal kull buon fini jingħad li filwaqt li l-parti li bdiet il-proċeduri fil-kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet Charlene Musu' ossia l-*parte civile* f'dawn il-proċeduri, il-parti kontra min infetħu l-imsemmija proċeduri kien Elton Mangion ossia l-appellant f'dawn il-proċeduri. Fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2023 mill-Qorti tal-Appell ssir riferenza għas-sentenza li minnha sar l-appell ossia

dik mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u dana meta ngħad hekk (*a fol.* 22 *et seq.*):

> "7. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:
>
> > *"__KONSIDERAZZJONIJIET__"*
> >
> > *[…]*
> >
> > ***__MANTENIMENT__***
> >
> > *[…]*
> >
> > *B'digriet tagħha tat-30 ta' Ottubru 2020 dina l-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' €400 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjeż edukattivi u tas-saħħa, li baqa' ma ħallasx regolarment, dejjem bl-iskuża li ma jarax lill-uliedu.*
> >
> > *[…]*
> >
> > *Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ser tikkonferma d-digriet tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2020 u tordna li l-konvenut iħallas manteniment fis-somma ta' €400 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjeż edukattivi u tas-saħħa.*
> >
> > *[…]."*

Illi aktar tard fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2023 hawn fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell qalet hekk (*a fol.* 44):

> "44. Meqjus dan, l-Ewwel Qorti mxiet tajjeb meta hija marret lura sa Jannar 2019 sabiex ikkalkulat dak li għandu jħallas l-appellant f'arretrati ta' manteniment. Sa Ottubru 2020, l-ammont ta' manteniment kif maqbul bejn il-partijiet kien dak ta' €368 fix-xahar (ara l-istqarrija

> magħmula mill-appellant fit-tweġiba maħlufa tiegħu u kif ukoll dak iddikjarat minnu fil-kontro-talba tiegħu), filwaqt li b'digriet tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Ottubru, 2020, l-appellant ġie ordnat sabiex *pendente lite* jħallas manteniment ta' €400 fix-xahar flimkien ma' nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni ta' wliedu. Jiġi b'hekk, li l-ammont ta' €19,800 li l-Ewwel Qorti llikwidat f'arretrati ta' manteniment u li ordnat li għandu jiġi mħallas mill-appellant lill-attriċi appellata huwa wieħed xieraq." [emfażi miżjuda]

Illi b'hekk ma hemmx dubju għal din il-Qorti dwar il-kontenut tad-digriet tat-30 ta' Ottubru 2020 meta kemm il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u ukoll il-Qorti tal-Appell jagħmlu riferenza ampja għalih. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-appellant allura imputat ma kkontestax dak li ġie prodott quddiem l-Ewwel Qorti (u għażel, kif *del resto* kellu kull dritt li jagħmel, li ma jixhidx u li ma jressaq ebda provi), b'hekk din il-Qorti tinnota li minn dak li l-Prosekuzzjoni ressqet quddiem l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qalet hekk (*a fol.* 56):

> "Mill-qari tas-Sentenza tal-Appell hawn fuq imsemmija (liema Sentenza hija Vera Kopja u konsegwentement m'hemm ebda dubju dwar l-awtentiċita' tagħha) din il-Qorti tara li l-Prosekuzzjoni xorta waħda rnexxielha tipprova l-element tal-Ordni ta' ħlas tal-manteniment u dan għaliex bl-ebda immaġinazzjoni fertili ma wieħed jista' jargumenta li d-Digriet tat-30 t'Ottubru 2020 ma kienx tali li jorbot lill-imputat iħallas il-manteniment għal uliedu u dan għaliex l-imsemmi Digriet hu kristallizzat u kkonfermat minn Qorti permezz ta' Sentenza li hija *res judicata* bejn il-partijiet u ġiet esebita wkoll bħala Vera Kopja. Dan ifisser li dak li hemm miktub fl-istess imsemmija Sentenza ma jista' qatt jiġi skartat minn din il-Qorti u ġialadarba din l-istess Qorti m'għandha ebda forma ta' dubju li permezz tad-Digriet

> tas-sena 2020 l-imputat ġie ordnat iħallas il-manteniment għal uliedu għaliex hija l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha li tikkonferma dan allura din il-Qorti tara li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-element tal-ordni ta' ħlas sal-grad rikjest mil-liġi."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq isegwi li ż-żewġ aggravji mressqa mill-appellant jistħoqq li jiġu miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Elton Mangion u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**